# X'NIXTIEQ

Nixtieq ingħix fi dwejra mwarrba nofsha moħbija bil-liedna mhux bogħod mill-baħar fejn ix-xemx tatini l-ewwel tbissima tagħha kull filgħodu hi u ħierġa biex iddawwal il-ħolqien, u ssellimli kull filgħaxija qabel ma tgħib wara l-għoljiet.

Daqsxejn ta' ġnejna, bi ħxejjex u fjuri li narahom jinbtu u jikbru taħt għajnejja u siġar ta' frott li ma jiġix imċaħħad lill-barranin. Ftit nagħaġ jirgħaw u jilgħabu l-hawn u l-hinn, li niġborhom filgħaxija, u baqra biex tatini ħalib bnin kull filgħodu.

Il-bogħod minn għajnejn id-dinja rrid ingħaddi ħajti qalb il-ġmiel tan-natura, naħseb fil-frugħa ta' bosta ħwejjeġ li n-nies tgħożż; fil-kobor ta' Alla li ried joħloq tant ġmiel għall-bnedmin, u li jinħass wisq iżjed fil-kampanja milli fl-ibliet. Liema ħaġa tisboq is-sbuħija ta' filgħodu xħin il-mewġ ħamrani jitriegħed taħt il-bewsa tax-xemx li għadha titwieled, xħin il-fjuri jiftħu bla biża' ta' min jaqtagħhom, u jerħu l-fwieħa tagħhom ma' l-ewwel dija tax-xemx; xħin il-għasafar joħorġu ir-ras ċkejkuna minn taħt il-ġewnaħ u jibdew il-għanja tal-ferħ; xħin il-ħolqien kollu donnu qiegħed ifaħħar il-Ħallieq li jista' kollox?

Issa fuq dgħajsa l-bogħod, il-bogħod mix-xatt, waħdi, fuq baħar bla tarf, f'ħemda li ma bħalha... li ssaħħrek, nintilef fl-infinit, u ninsa d-dinja, ninsa lili n-nifsi, u nintelaq f'lok tal-hena, li qatt ma rajt imma li ħafna drabi xtaqt u li dak il-ħin donnu s'er jinfetaħ quddiemi, sakemm il-qampiena tar-raħal tqajjimni u teħodni bil-ħsieb fil-knisja ċkejkna u tfakkarni li l-jum sejjer jintemm.

Ingħix ta' raħlija, ingħin lill-bdiewa, inwissihom meta jkunu imfixklin, inżomm kemm nista' l-paċi; u l-bieb tad-dwejra tiegħi jkun dejjem miftuħ, u l-barrani jsib dejjem min jatih il-"merħba bik".

U wara nofs in-nhar, niġbor it-tfal ma' dwari u ngħallimhom ħwejjeġ li jkunulhom ta' ġid għar-ruħ u dawk ukoll li għad jeħtiġulhom f'ħajjithom.

Filgħaxija ngħaddiha ma' xi xwejjaħ li ma jridhiex ta' għaref, iżda li bi kliemu sempliċi jisboq il-għerf ta' ħafna li jidhrilhom li huma xi ras kbira. U l-jum tal-mistrieħ, xħin il-qanpiena tistieden in-nies biex iqimu lill-Mulej, u jisimgħu l-kliem tal-ħajja, niżżiħajr 'l Alla li tani l-ħila li nagħraf kif il-kelma Tiegħu tinżel sħiħa u safja, fil-qlub li ma humiex mogħmija mill-kburija. Hekk ninsa d-dinja, li ma tatnix ħlief niket, u minn tagħha ma nżomm xejn ħlief ftit kotba, li fihom insib miġbura s-sbuħija tal-għerf u tas-sewwa.

U jekk jaħbat li xi ħabib jiġi jżurni u jistagħġeb kif dik il-ħajja tista' tiġbidni, ma' nħallihx imur mingħajr ma jduk xi ftit mill-ħlewwa li wieħed jista' jgawdi kull pass li jati.

Maħbuba min-nies twajba, mingħajr għelt, naħseb f'Alla li Tiegħu f'kull ħaġa nara x-xbieha, irrid ingħaddi ħajti l-bogħod mit-taqbida għall-għana u għall-ħakma; bla magħrufa mid-dinja sa l-aħħar siegħa, meta nerħi ruħi f'idejn Dak li taħt għajnejh inkun għext.

MARY CARUANA

✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻